MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2006

Numru. 39/2006

Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)

versus

Etienne Louis Grech

Illum 18 ta' Novembru 2006

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Etienne Louis Grech ta' 32 sena, bin Felix u Antoinette née Farrugia, imwieled Attard, Malta nhar il-21 ta' Novembru 1974, u residenti Victoria, Ghawdex (Karta ta' Identità numru: 10775(M)) talli f'dawn il-gzejjer gewwa Victoria, Ghawdex nhar is-16 ta' Novembru 2006 u matul l-ahhar tmien xhur qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda seraq diversi oggetti minghand il-

*Home Furniture Store* fejn il-valur totali hu aktar minn elfejn lira (Lm2,000) liema serq huwa aggravat bil-valur tal-haga misruqa, bil-lok u bil-hin, ai termini ta' l-artikolu 261(c)(e) u (f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghad-detriment ta' Mary Magdala Grech minn Nadur.

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat;

Rat ukoll il-verbal ta' l-Ispettur Mifsud fejn iddikjara li l-imputat ikkollabora mal-Pulizija u bi hsiebu jibqa' jikkollabora anke fuq kazijiet ohra illi huwa jaf bihom.

In vista ukoll ta' l-ammissjoni bikrija ta' l-istess imputat;

Issibu hati, u wara li rat l-artikolu 261(c) (e) u (f), kif ukoll l-artikolu 28A tal-Kap. 9, tikkundannah ghal sentenza sospiza ta' sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sena, u wara li rat l-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tqeghdu taht ordni ta' probation ghal zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti tordna ukoll illi l-hwejjeg misruqa jigu ritornati lil sidhom Mary Magdala Grech ta' *Home Furniture Store* ta' Triq Gorg Borg Olivier, Victoria, Ghawdex.

Tordna ukoll illi l-atti tal-kawza flimkien ma' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem tax-xoghol ai termini ta' l-artikolu 392A(2) tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------